

Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-deċiżjonijiet ta' l-Awtorità tal-Ħatra tal-Parlament Ewropew li ma tingħatax lir-rikorrenti l-allowance ta' kuljum stipulata fl-Artikolu 10 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

In sostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur ta' l-Artikolu 71 tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' l-Artikolu 10 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2008 — Carvalhal Garcia vs Il-Kunsill**(Kawża F-40/08)**

(2008/C 183/65)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż***Partijiet**

Rikorrenti: Daniela Paula Carvalhal Garcia (Sines, il-Portugall) (rappreżentant: F. Antas da Cunha, avocat)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jagħtix il-benefiċċju ta' l-edukazzjoni favur bint ir-rikorrenti.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni finali tad-direzzjoni tal-persunal tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja tas-16 ta' Novembru 2007 u tiddeċiedi li din għandha tiġi mibdula b'deċiżjoni oħra li tagħti dan il-benefiċċju ta' l-edukazzjoni favur it-tifla tar-rikorrenti għas-sena skolastika 2006/2007.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2008 — Spee vs Europol**(Kawża F-43/08)**

(2008/C 183/66)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż***Partijiet**

Rikorrent: David Spee (Rijswijk, l-Olanda) (rappreżentant: P. de Casparis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Europol li tirtira l-offerta ta' impjieg li r-rikorrent kien ressaq il-kandidatura tiegħu għaliha u li terġa' tippubblikaha, kif ukoll talba għal danni.

Tabiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2007 mogħtija dwar l-ilment kif ukoll id-deċiżjonijiet sottostanti ta' l-20 ta' Ġunju 2007 u tas-6 ta' Lulju 2007 li jiġi ddikjarat mill-ġdid vakanti l-post ta' First Officer fl-IMT1 Infrastructure Unit u li ma jin-ħatarx ir-rikorrent;
- jikkundanna lill-Europol sabiex ifittex soluzzjoni ġusta għas-sitwazzjoni li fiha jinsab ir-rikorrent wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni imprudenti u żbaljata;
- jikkundanna lill-Europol jikkumpensa lir-rikorrent għad-danni fl-ammont ta' EUR 5 000 netti;
- jikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2008 — Giannini vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-49/08)**

(2008/C 183/67)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Massimo Giannini (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u C. Ronzi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej